

Brussell, 29 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

13124/15

SPORT 41
DOPAGE 8
SAN 339
JAI 767

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Fondazzjoni tal-WADA - Approvazzjoni ta' żewġ rappreżentanti tal-UE

1. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA¹, stabbilixxiet l-arranġamenti dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA mill-1 ta' Jannar 2013. Skont din ir-Risoluzzjoni, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA għandhom ikunu fil-livell ministerjali u s-siġġijiet għandhom jiġu allokat kif ġej:
 - siġġu wieħed għandu jiġi allokat lil wieħed mill-Istati Membri li jagħmlu parti mit-Triju tal-Presidenzi fil-kariga,
 - siġġu wieħed għandu jiġi allokat lil wieħed mill-Istati Membri li jagħmlu parti mit-Triju tal-Presidenzi futuri,

¹ ĠU 2011/C 372/02, 20.12.2011.

- siġġu wieħed għandu jiġi allokat b'mod konġunt mill-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill lil persuna responsabbli għall-isport fil-livell ministerjali b'esperjenza u għarfien adatti ("espert fil-livell governattiv").
2. Il-mandat ta' tnejn mir-rappreżentanti attwali tal-UE — is-Sur Romain SCHNEIDER u s-Sur Philippe MUYTERS — ser jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015.²
 3. Is-Sur MUYTERS esprima x-xewqa li joħroġ għal darb' oħra bħal kandidat bħala espert tal-UE fil-livell governattiv għall-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA. Dan huwa l-uniku kandidat għal din il-pożizzjoni.
 4. It-Triju tal-Presidenzi futuri (UK, EE, BG) għażel lir-Renju Unit bħala r-rappreżentant tiegħu. Ir-Renju Unit innotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li huwa jaħtar lis-Sinjura Tracey CROUCH, Ministru għall-Isport (UK).
 5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jistieden lill-Kunsill biex jikkonferma l-ħatra tas-Sur Philippe MUYTERS, Ministru Fjamminghax-Xogħol, l-Ekonomija, l-Innovazzjoni u l-Isport (Belġju) u lis-Sinjura Tracy CROUCH, Ministru għall-Isport (UK) bħala rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2018.

² Is-Sur Chris AGIUS, l-Onor. Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażaġħ u Sport (Malta), jibqa' bħala t-tielet rappreżentant tal-Istati Membri tal-UE sat-30 ta' Ġunju 2017.